MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2333/2004

**Ahmed Kamal El Din**
**Vs**
**1. Aaron Sultana u**
**2. John Cuschieri, Vincent Cuschieri Ltd.**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-7 ta' Diċembru, 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 1,500.00 (elf u ħames mitt lira Maltija) rappreżentanti danni kkawżati konsegwenza ta' inċident tat-traffiku li seħħ fl-14 ta' Ġunju, 2004 f'San Ġiljan.

Fl-Avviż tat-talba intqal :-

Illi l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI 975 misjuqa mill-konvenut John Cuschieri kkawżat danni fl-ammont ta' elf u ħames mitt liri Maltin (Lm 1,500) f'inċident awtomobilistiku li seħħ fl-14 ta' Ġunju, 2004 għall-ħabta tan-12.30 p.m. fi Triq Wilġa, San Ġiljan, Paceville, fuq il-

vettura propjeta’ ta’ l-attur tal-marka Nissan Sunny li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni EAA 403.

Illi l-konvenut John Cuschieri bħala propjetarju tal-vettura nvoluta fl-inċident, ossija li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni BBI 975 ppremetta lill-konvenut, Aaron Sultana isuq l-istess meta s-sewwieq ma kienx kopert minn polza ta’ assigurazzjoni.
Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta’ l-avviż sad-data tal-ħlas eventwali, ilkoll kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta’ John Cuschieri fejn ingħad :-

1. Illi l-konvenut John Cuschieri mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.
2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.
3. Illi l-konvenut Aaron Sultana qatt ma kien awtorizzat isuq il-vettura in kwistjoni kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni.
4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, John Cuschieri ma jistax jinżamm responsabbli għad-danni kkawżati minn Aaron Sultana.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Ra r-risposta ta’ Aaron Sultana fejn ingħad :-

Illi t-talba ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenut Aaron Sultana hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur, stante li l-konvenut Aaron Sultana ma kienx responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-14 ta’ Ġunju, 2004 għall-ħabta tan-12.30 p.m. fi Triq Wilga, Paceville, bejn il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EAA 403. Illi di piu’ u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenut Aaron Sultana għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u t-talbiet ta’ l-attur għandhom unikament jiġu diretti lejn il-konvenut John Cuschieri, stante li l-konvenut John Cuschieri

ippermetta lill-konvenut Aaron Sultana isuq il-vettura BBI 975, meta kien konsapevoli tal-fatt li s-sewwieq ma kienx kopert minn polza ta' assikurazzjoni.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut, għandha tiġi respinta minn dan l-Onorabbli Tribunal, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawża si tratta ta' danni mill-attur wara ħabta ma' trakk misjuq mill-konvenut Aaron Sultana waqt li l-karozza tiegħu kienet ipparkjata.

Jibqa' biex jingħad illi l-attur ma kellux għalfejn jiġi kostretti jieħu dawn il-proċeduri minħabba każ sempliċi bħal dan, aktar u aktar meta huwa terza persuna innoċenti li ma kellux x'jaqsam xejn, jew b'xi mod ikkontribwixxa għall-istess inċident.

Il-kwistjoni hija bejn iż-żewġ konvenuti, Cuschieri bħala propjetarju u Sultana bħala x-xufier. Il-pendenza bejnithom ma kellhiex tiġi deċiża billi ikun l-attur li jrid jieħu dawn il-proċeduri. L-attur messu kellu jiġi mħallas imbagħad dawn jarawha bejniethom.

Il-kontestazzjoni ta' bejn il-konvenuti hija wieħed li ma kienx tort tiegħu u l-ieħor li ma kellux insurance. F'dan is-sens it-Tribunal jagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet "Lora Formosa et vs Emanuel Spiteri et" fejn punt simili ġie deċiż u fejn anki sid il-vettura, una volta li ma kellux il-vettura koperta kif suppost biex tiġi misjuqa minn persuna li kienet impjegata minnu jew fuq istruzzjonijiet tiegħu saqet l-istess vettura kellu jiġi ukoll ritenut responsabbli għall-istess kolliżjoni.

Il-kwistjoni ta' bejniethom jarawha huma stess għax għall-attur ħija res interiosacta.

Illi l-quantum tad-danni għalkemm ġie kontestat pero` l-ammont mitlub mill-attur f’dawn il-proċeduri huwa inqas fil-fatt minn dawk li effettivament kienu dovuti lilu billi rriduċa t-talba sabiex tkun taqa’ taħt din il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Jiddeciedi għalhekk billi fil-waqt li jiċħad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa’ t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lill-attur is-somma ta’ elf u ħames mitt lira Maltija (Lm 1,500) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenuti in solidum ukoll.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------